L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| DATA: | l-1 ta' Ġunju 2019 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

Wieġeb Taqsima A u **TLIET** mistoqsijiet oħra li trid minn Taqsima B.
Taqsima A għandha 40% tal-marka totali u Taqsima B għandha 60%.

**TAQSIMA A**
**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA. Kull mistoqsija għandha 4 marki.**

1. X'importanza għandu t-Testment il-Qadim għall-Insara?
2. Il-fidi hi att tal-bniedem. Spjega.
3. Il-misteru tat-Trinità Qaddisa jista' jsir magħruf bir-raġuni biss? Spjega.
4. Liema hi l-Bxara t-Tajba għall-bniedem?
5. Semmi **ŻEWĠ** effetti tal-Griżma tal-Isqof.
6. Kemm hemm gradi fis-Sagrament ta' l-Ordni Sagri? Liema huma?
7. Semmi **ŻEWĠ** obbligi tar-Raba' Kmandament.
8. Iddeskrivi talba ta' Marija li nsibu fl-Evanġelju.
9. Xi dmirijiet għandha s-soċjetà lejn il-familja?
10. Għaliex nistgħu nersqu b'kunfidenza sħiħa lejn Alla l-Missier?

**(Total: 40 marka)**

**TAQSIMA B**
**Agħżel TLIET mistoqsijiet u weġibhom fid-dettall. Kull mistoqsija għandha 20 marka.**

1.a. It-tagħlim dwar il-ġustizzja soċjali jmur lura għat-Testment il-Qadim. X'għallmu l-profeti Għamos u Isaija dwar il-ġustizzja soċjali? (6)
b. Ġesù hu mudell ta' kif wieħed għandu jgħix il-ġustizzja soċjali. Spjega. (4)
ċ. Irrakonta u spjega parabbola li Ġesù uża biex jgħallem dwar ir-responsabbiltà tas-sinjur lejn il-fqir. (5)
d. F'parabbola oħra, Ġesù tkellem dwar il-Ġudizzju li għad isir ma' min jagħmel karità u min ma jagħmilx. Semmi liema hi l-parabbola u ddeskrivi l-konsegwenzi għal dawn iż-żewg gruppi ta' nies. (5)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb wara.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

2. Spjega fil-qosor dawn il-**ĦAMES** punti mill-Kredu:
a. Niżel mis-smewwiet. (4)
b. Għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna. (4)
ċ. U ħa l-ġisem bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu minn Marija Verġni u sar bniedem. (4)
d. Sallbuh għalina, bata taħt Ponzju Pilatu, miet u difnuh. (4)
e. Fit-tielet jum qam minn bejn l-imwiet skont il-Kotba Mqaddsa. (4)

**(Total: 20 marka)**

3.a. Għaliex ngħidu li l-Knisja hija "qaddisa" meta hi magħmula mill-midinbin? (5)
b. X'nifhmu meta ngħidu li l-Knisja hija "kattolika"? (5)
ċ. Għalfejn Pentekoste hi ġrajja importanti ħafna għall-Knisja? (5)
d. Iddeskrivi u spjega l-missjoni tal-Knisja fid-dinja. (5)

**(Total: 20 marka)**

4.a. Spjega fil-qosor iż-**ŻEWĠ** modi kif kien ipprattikat is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni fl-ewwel seba' sekli tal-Knisja. (6)
b. Illum il-Knisja għandha **TLIET** forom ta' dan is-Sagrament. Liema huma? (6)
ċ. Semmi u spjega **ERBA'** effetti tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. (8)

**(Total: 20 marka)**

5.a. B'liema mod it-Tmien Kmandament jobbliga lin-Nisrani? (5)
b. Għaliex hu importanti li nirrispettaw ir-reputazzjoni ta' ħaddieħor? Spjega **ŻEWĠ** dnubiet li jħammġu l-fama tajba ta' xi ħadd. (5)
ċ. X'għandu jagħmel in-Nisrani li jikser it-Tmien Kmandament biex jaqla' l-maħfra ta' Alla? (5)
d. Is-Siġill tal-Qrar kif jorbot lill-konfessur? (5)

**(Total: 20 marka)**

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**INTERMEDIATE MATRICULATION LEVEL**
**2019 FIRST SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| DATE: | 1st June 2019 |
| TIME: | 9:00 a.m. to 12:05 p.m. |

Answer Section A and **ANY THREE** questions from Section B.
Section A carries 40% of the total mark while Section B carries 60%.

**SECTION A**
**Answer ALL questions. Each question carries 4 marks.**

1. What is the importance of the Old Testament to Christians?
2. Faith is a human act. Explain.
3. Can the mystery of the Holy Trinity be understood only through reason? Explain.
4. What is the Good News for mankind?
5. Mention **TWO** effects of Confirmation.
6. How many degrees are there in the Sacrament of Holy Orders? Which are they?
7. Mention **TWO** obligations of the Fourth Commandment.
8. Describe a prayer of Mary found in the Gospel.
9. What are society's duties towards the family?
10. Why can we approach God the Father with full confidence?

**(Total: 40 marks)**

**SECTION B**
**Answer THREE questions in detail. Each question carries 20 marks.**

1.a. The teaching of social justice dates back to the Old Testament. What did the prophets Amos and Isaiah teach about social justice? (6)
b. Jesus is a model of how one can live social justice. Explain. (4)
c. Narrate and explain a parable that Jesus used to teach about the responsibility of the rich towards the poor. (5)
d. In another parable, Jesus spoke about the Judgement that will be delivered on those who are charitable and on those who are not. Identify the parable and describe the consequences for these two groups of people. (5)

**(Total: 20 marks)**

***Please turn the page.***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

2. Briefly explain these **FIVE** points from the Creed:
a. He came down from heaven. (4)
b. For us men and for our salvation. (4)
c. He was conceived by the power of the Holy Spirit and born of the Virgin Mary and became man. (4)
d. For our sake he was crucified under Pontius Pilate, he suffered, died, and was buried. (4)
e. On the third day he rose from the dead according to the Scriptures. (4)

**(Total: 20 marks)**

3.a. Why do we say that the Church is "holy" when it is made up of sinners? (5)
b. What do we mean when we say that the Church is "catholic"? (5)
c. Why is Pentecost a very important event for the Church? (5)
d. Describe and explain the Church's mission in the world. (5)

**(Total: 20 marks)**

4.a. Explain briefly the **TWO** modes of how the Sacrament of Reconciliation was practised in the first seven centuries of the Church. (6)
b. Nowadays the Church has **THREE** forms of this Sacrament. Which are they? (6)
c. Name and explain **FOUR** effects of the Sacrament of Reconciliation. (8)

**(Total: 20 marks)**

5.a. In what way does the Eighth Commandment bind the Christian? (5)
b. Why is it important that we respect other people's reputation? Explain **TWO** sins that tarnish someone's good name. (5)
c. What should the Christian do to obtain God's forgiveness after breaking the Eighth Commandment? (5)
d. How does the Seal of Confession bind the confessor? (5)

**(Total: 20 marks)**